MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2007

Numru 697/2004

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Mercieca)

vs

Kenneth Caruana

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Kenneth Caruana detentur ta’ karta ta’ identita’ numru 14081M, akkuzat talli fis-26 t’Awissu, 2004, ghal habta tat-3:15 p.m., u /jew qabel dan il-hin, fil-bajjiet ta’ l-Armier u l-Ghadira, limiti tal-Mellieha:

1. irrenda ruhu komplici ai termini ta’ l-Artikolu 42(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, flimkien ma’ Christopher Joseph Xuereb, f’serq ta’ tlett basktijiet b’ghadd ta’ oggetti fihom minn fuq il-bajja fl-Armier ghad-dannu ta’ diversi

persuni, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elf Lira Maltin (Art. 267 tal-Kap 9);

2. ikkommetta serq semplici ta' katina tad-deheb u/jew xi affarijiet ohra mill-bajja ta' l-Ghadira ghad-dannu ta' Andrew Palmier;

3. fl-istess data u hin, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer ghamel falsifikazzjoni fiz-zewg tarek tar-registrazzjoni tal-vettura tieghu numru IBD084, tal-marka Peugeot 106, u/jew xjentement ghamel uzu mill-istess tarek tar-registrazzjoni falsifikati. Iktar tard fl-istess jum, ghall-habta tat-3:30 p.m., fil-Mellieha u fix-Xemxija limiti ta' San Pawl il-Bahar;

4. saq vettura IBD084 b'manjiera perikoluza u

5. b'velocita' eccessiva.

6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u

7. kiser il-provediment ta' l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza datata 23 t'Awissu, 2004 fejn hu kien misjub hati ta' reat u liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

L-imputat jinsab akkuzat b'diversi reati li jinkludu l-komplicita' f'serq, is-serq semplici, il-falsifikazzjoni, is-sewqan perikoluz u b'velocita' eccessiva, ir-recidiva u l-ksur tal-liberta' kondizjonata ta' tlett snin imposta b'sentenza tat-23 ta' Awissu, 2004.

L-akkuza tal-komplicita' fis-serq hi sostnuta fil-waqt li l-imputat flimkien ma' persuna ohra kienet fil-gurnata de quo marret il-bajja tal-Armier bil-vettura tieghu Peugeot numru ta' registrazzjoni IBD084 u minn hemm nsterqu hwejjeg appartenenti lil tlett persuni ta' nazzjonalita' barranija, liema hwejjeg instabu fil-vettura misjuqa mill-imputat meta fl-istess gurnata twaqqfet mill-pulizija. Dwar

li s-serq sar mill-bajja m'hemmx dubbju tant li hu ammess mill-istess sieheb l-imputat u mill-fatt li gew misjuba fil-vettura tal-imputat. Issa l-akkuza kontra l-imputat f'dan ir-rigward mhux qeghdha tixlih bis-serq propju izda b'komplicita' fis-serq. Il-komplicita' tavverra ruha wkoll jekk jintwera li xjentement il-komplici jkun ghen jew assista lill-awtur fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ippreparat jew ikkunsmat. Skond Christopher Xuereb, l-awtur tas-serq, li fil-gurnata in kwistjoni kien mal-imputat, is-serq li kien wettaq kien svelah lill-imputat meta gew imwaqqfa u arrestati. Issa dan jista' jkun minnu izda jirrizulta mill-istqarrija li rrilaxxja l-imputat li hu kien issuspetta, u c-cirkostanzi kienu tali li mhux biss seta' ssuspetta izda missu kien jaf li l-oggetti kienu gew misruqa minn siehbu kif appena huma regghu iltaqghu, dahlu fil-vettura, u l-imputat saq l'hemm izda mhux biss ghaliex l-imputat minn hemm saq ghall-bajja ta' l-Ghadira minn fejn hu jghid li siehbu rega wettaq xi serq minn persuni li kienu qed jghumu dak il-hin fost liema affarijiet misruqa kien hemm gizirana li hu hadha u tefghahha fil-'console' tal-vettura tieghu minn fejn elevawha l-pulizija. Ghalhekk u fil-waqt li m'hemmx il-prova inekwivoka li l-imputat kien seraq di proprio hemm bizzejjed provi cirkostanzjali li juru wisq car, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-figura tal- komplici fl-imputat. Ghaldaqstant ghandu jinstab hati tal-ewwel akkuza hekk kif aggravata bil-kwalifika tal-valur, izda mhux tat-tieni.

Illi l-figura ta' komplici fl-imputat tkompli imbaghad tissahhah aktar bit-tielet akkuza fejn hu akkuzat li ghamel falsifikazzjoni fiz-zewg tarek tar-registrazzjoni tal-vettura tieghu u li wkoll ghamel uzu mill-istess tarek ta' registrazzjoni falsifikati. Difatti din l-akkuza tirrizulta abundantement pruvata mix-xhieda tal-pulizija li waqfu lill-imputat u ghamlu t-tficcija.

Illi hemm imbaghad ir-raba' u l-hames akkuzi li jirrizultaw ukoll pruvati mill-istess xhieda tal-pulizija.

Illi fuq l-iskorta tas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-23 ta' Awissu 2004, debitament konfermata mill-Ufficjal tal-Pulizija li kkonduca l-prosekuzzjoni f'dawk il-proceduri, jinsabu wkoll pruvati l-ahhar zewg akkuzi li

jirrigwardaw ir-recidiva u li l-imputat ikkommetta d-delitti skond l-akkuzi odjerni fil-perjodu ta’ probation. Jigi sottolinjat li dawn id-delitti li bihom l-imputat hu akkuzat f’dawn il-proceduri gew minnu kommessi appena tlett t’ijiem wara li l-Qorti kienet taghtu opportunita’ ta’ probation fuq akkuza ohra ta’ serq.

Pero’ setghet tara b’ghajneha li l-imputat m’ghadux il-persuna nefrattarja li kien meta wettaq dan ir-reat.

Rat ghalhekk l-Artikolu 42, 43, 44, 45, 46, 261(c), 267, 279, 183, 184, 189, 49, 50, 17 u 31 tal-Kap 9, Artikolu 15 tal-Kap 65 u l-Artikolu 7 tal-Kap 446 u tiddeciedi li taghtih opportunita’ ohra sabiex jibqa ghaddej bla tfixkil fil-hajja bizla li ntraprenda konsiderat ukoll li r-rifurtiva giet kollha rkuprata u ghalhekk tadotta kontra tieghu l-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tpoggih taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett snin mill-lum.

Rat l-Artikolu 15 tal-Kap 65 u tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja tieghu tas-sewqan ghal zmien tmin t’ijiem mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------